MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2007

Rikors Numru. 1096/2007

Dottor Leslie Cuschieri
vs
Marisa Osthus u Oliver Osthus

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors ta’ Marisa Osthus u Oliver Osthus li bih esponew:

1. Illi permezz ta’ rikors minnu prezentat fil-15 ta’ Ottubru, 2007 ir-rikorrenti ezekutant talab u ottjena l-hrug ta’ mandat ta’ sekwestru kawtelatorju kontra l-intimati ghas-somna ta’ Lm8,496 a bazi tal-kawzali “skond ftehim bejn il-partijiet”.

2. Illi huma pprezentaw dan ir-rikors ghar-revoka tal-imsemmi mandat ta’ sekwestru.

3. Illi r-ragunijiet ghar-revoka tal-imsemmi mandat ta’ sekwestru kawtelatorju huma kif hawn dedotti-

I. fl-ewwel lok, in-nullita` tar-rikors promotur illi jippekka mir-rekwizit mehtieg skond il-ligi ***ad validitatem*** (vide artikolu 831(2) tal-Kap. 12) illi tali rikors ghandu jikkontjeni dikjarazzjoni guramentata dwar ***“l-origini u x-xorta tal-kreditu jew pretensjoni li wiehed ikun irid iqieghed fiz-zgur”*** u certament li l-kawzali “skond il-ftehim bejn il-partijiet” [liema ftehim lanqas biss gie anness mar-rikors promotur] – liema dikjarazzjoni bl-ebda mod ma tistabilixxi x’inhi ***“l-origini u x-xorta tal-kreditu jew pretensjoni”*** li r-rikorrenti ezekutant Dottor Leslie Cuschieri qieghed jintenta li jqieghed fiz-zgur, zgur illi ma jissodisfax dan ir-rekwizit.

II. fit-tieni lok, kif l-istess rikorrent ezekutant jaf ben tajjeb, l-intimati ghandhom proprjetajiet immobbli li l-valur taghhom jizboq bil-bosta l-ammont li qed jigi pretiz mir-rikorrent ezekutant, u ghaldaqstant dan il-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju mhuwiex mehtieg stante li jezistu garanziji alternattivi adegwati u ghalhekk inhareg vessatorjament u unikament bl-iskop li tigi esercitata pressjoni fuq l-intimati sabiex ihallsu l-ammont li qed jigi pretiz mir-rikorrent ezekutant – liema ammont l-intimati jtenni li mhuwiex dovut – u mhux biex jitqieghed fiz-zgur l-allegat kreditu. Ghaldaqstant m’hemm l-ebda raguni ghaliex dan il-mandat ghandu jibqa’ fis-sehh – u dan qed jinghad a tenur tal-provvedimenti tal-artikolu 836(c) u (f) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

III. fit-tielet lok, illi, kif fuq ribadit, l-ammont pretiz mir-rikorrent ezekutant mhuwiex ***prima facie*** dovut – tant li r-rikorrent ezekutant naqas milli jfisser sewwa u kif trid il-ligi kawzali tieghu fir-rikors promotur – u ghalhekk dan il-mandat ma kellux jibqa’ fis-sehh – dan a tenur tal-provvedimenti tal-artikolu 836(d) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

IV. fir-raba’ lok, in-nullita’ tar-rikors promotur stante li, minkejja illi l-intimat ezekutant Oliver Othus huwa strangier u ma jifhimx, ma jaqrax u ma jiktibx bil-lingwa

Maltija, ir-rikors promotur gie prezentat unikament bil-lingwa Maltija u mhux ukoll bil-lingwa Ingliza kif mehtieg a tenur tal-provvediment tal-Kap. 189 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghal dawn il-motivi l-intimati talbu lill-Qorti biex tirrevoka l-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju numru 1534/07 fl-ismijiet “Dottor Leslie Cuschieri (I.D 174067M) -vs- Marisa Othus (I.D 8469M) u Oliver Othus (I.D 16560A)”, u dan bl-ispejjez kontra r-rikorrent ezekutant.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta tal-intimat Dr. Leslie Cuschieri li biha espona:

Illi l-ezekutati ghamlu rikors b’4 raginijiet a bazi ta’ liema s-sekwestru fuq indikat kellu jigi revokat, izda kif kien ser jigi spjegat hawn taht dan ir-rikors kien parzament wiehed fieragh, u intiz biss li jivvessa lill-intimat ezekutant, bil-konsegwenzi naturali ta’ hela ta’ hin u flus ta’ l-intimat ezekutant, u energija u hin prezjuz tal-Qorti.

Illi bhala l-ewwel raguni (i) ir-rikorrenti Marisa u Oliver Othus jghidu li l-mandat huwa null stante li ai termini ta’ Artikolu 831(2) fih kellu jkun hemm “l-origini u x-xorta tal-kreditu jew pretensjoni li wiehed ikun irid iqieghed fiz-zgur”, u skond huma dawn huma nieqsa.

- L-ewwel rekwizit huwa li jigi identifikat l-origini tal-kreditu, u bl-aktar mod fjakk ir-rikorrenti jargumentaw li ***“ftehim bejn il-partijiet”*** ma tissodisfax dan ir-rekwizit. Ir-rikorrenti jilmentaw li ***“l-ftehim lanqas biss gie anness mar-rikors promutur”,*** b’dan li qed juru li jafu li jezisti fthim miktub bejn l-intimat ezekutant u r-rikorrenti (vide **dok.LC-1** anness mar-risposta). Mela r-rikorrenti diga` kellhom l-informazzjoni kollha necessarja biex ikunu jafu x’inhi l-origini tal-kreditu jew pretensjoni ta’ l-intimat ezekutant. Madankollu l-intimat ezekutant mhux qed jibbaza l-kreditu tieghu fuq din l-iskrittura biss, ghaliex dik l-iskrittura tirrifletti ftehim verbali antecedenti bejn l-istess partijiet, liema ftehim verbali jinkludi l-obbligazzjoni ta’ hlas ta’ l-istess somma indikata fil-ftehim miktub lill-intimat. Donnhom ir-rikorrenti jridu jargumentaw li ftehim verbali

ma jistax jigi infurzat b'mandat. Dan l-argument ma jaghmilx sens.

- It-tieni rekwizit huwa li jigi stabbilit x'inhi x-xorta tal-kreditu jew pretensjoni li wiehed ikun irid iqieghed fiz-zgur: f'dan il-mandat odjern gie indikat li l-kreditu u pretensjoni ta' l-intimat ezekutant li trid titqieghed fiz-zgur hija s-somma ta' tmint elef erba' mija u sitta u disghin lira (Lm8496.00) oltre l-imghaxijiet u l-ispejjez li gew riservati. Fuq dan m'hemmx iktar x'targumenta, u din il-Qorti kienet korretta meta originarjament akkordat li jinhareg dan il-mandat.

Illi t-tieni raguni (ii) migjuba mir-rikorrenti biex jitnehha dan il-mandat hija li l-intimat ezekutant jaf ben tajjeb l-ezekutati ghandhom proprjetajiet immobbli ta' valur li jizboq bil-bosta l-ammont pretiz, tant li s-sekwestru mhuwiex mehtieg. Dwar proprjetajiet immobbli tar-rikorrenti, l-unika haga li jaf l-intimat ezekutant hi li l-ezekutati ghamlu konvenju biex jixru Villa ghal Lm240,000, izda meta gew biex jaghmlu l-kuntratt finali ta' akkwist huma nhbew wara Trust fi hdan il-Bank of Valletta biex ma jkollhom xejn jidher fuq isimhom (vide **dokument LC-2** anness mar-risposta). B'dan il-mod l-intimat ezekutant ghandu ragunijiet validi jibza' li r-rikorrenti qed jippruvaw jeludu l-pretensjonijiet tal-kredituri taghhom.

Bla pregudizzju ghal dan kollu, jekk ir-rikorrenti joffru ipoteka ***first-ranking*** li tkun idonea u sufficjenti fuq xi proprjeta` li huma jivvantaw li hi taghhom (fejn allura ricerki dwar it-trasferimenti u dwar id-djun ikunu necessarji), allura wiehed ikun jista' jevalwa l-pozizzjoni minn lenti differenti, izda skond l-informazzjoni li kellu l-intimat ezekutant huma ma kellhom xejn minn dan.

Illi t-tielet raguni (iii) hija mill-gdid bla sens, in vista tal-ftehim verbali u l-ftehim miktub li hemm bejn il-partijiet kif inghad hawn fuq. Mhux talli m'hemm ebda dubju li l-ammont indikat fil-mandat huwa kollu dovut, talli skond il-ftehim miktub diga' bdew jiddekorru l-interessi, u allora oltre l-ammont indikat fil-mandat hemm ammont ta' interessi li huma diga dovuti izda mhux kawtelati; dan oltre l-ispejjez inutili ta' din il-procedura, ta' ittra ufficjali taht l-

Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligi ta' Malta, dan il-mandat u spejjez ohra li ghad iridu jsiru.

Illi r-raba' raguni (iv) fejn qed tigi sollevata nullita` a bazi tar-rekwiziti tal-Kap 189 tal-Ligijiet ta' Malta, jibbasta li wiehed jikkonsulta ma' Artikolu 5 ta' l-istess Kap 189 biex wiehed jirrealizza kemm ir-rikorrenti qed jiggranfaw ma' pettegolezzi trivjali biex jippruvaw jaharbu mir-responsabbilitajiet taghhom. Subinciz (2) jghid li jekk persuna li titkellem bl-Ingliz ma tkunx saritilha traduzzjoni mir-Registratur tal-Qorti ta' xi att li tkun irciviet, dik il-persuna jkollha dritt titlob m'ghand ir-registratur traduzzjoni ta' dak l-att: igifieri ma tezisti ebda piena ta' nullita'. In oltre, u ghal kull buon fini inghad li r-rikorrenti huma mizzewgin u jghixu flimkien u da parti ta' Marisa Osthus din hija Maltija u titkellem bil-Malti.

Ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti kellhom jigu michuda, bl-ispejjez ta' l-istanti kontra l-istess rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Marisa u Oliver Osthus bhala l-ewwel raguni ghar-revoka tal-mandat issottomettew li l-mandat huwa null ***ai termini*** tal-artikolu 831 (2) tal-Kap 12. Dan l-artikolu jghid hekk:
(2) Fir-rikors ghandhom jigu dikjarati bil-gurament l-origini u x-xorta tal-kreditu jew pretensjoni li wiehed ikun irid iqieghed fiz-zgur:

Izda meta f'rikors wiehed ikun hemm iktar minn rikorrent wiehed li jkun qieghed jitlob il-hrug ta' xi wiehed mill-atti kawtelatorji imsemmija fl-artikolu 830(1) kontra l-istess intimat, il-gurament ghandu jittiehed minn ghall-inqas wiehed mir-rikorrenti.

Ghalhekk jidher car li ***ai termini*** tal-ligi fir-rikors irid ikun hemm l-origini u x-xorta tal-kreditu jew pretensjoni. Issa

meta wiehed ihares lejn il-mandat ***de quo*** bhala kawzali wiehed isib “skond ftehim bejn il-partijiet”.  Jinghad ukoll lid an il-ftehim ma giex ezibit.

Dan iwassal b’mod car li meta nhareg il-mandat il-Qorti li hargitu ma setghetx tkun taf l-origini tal-kreditu jew pretensjoni.  Lanqas ma kienet taf kif lanqas taf din il-qorti kif presjeduta x-xorta tal-kreditu jew pretensjoni.  Il-ligi tant tqis dawn l-elementi importanti li timponi li dawn iridu jigu dikjarati bil-gurament fir-rikors.

Fir-risposta tieghu Dr. Cuschieri jsostni li r-rikorrenti lmentaw li l-ftehim ma giex anness u b’hekk juru li kienu jafu bil-ftehim.  Izda dan certament ma hux konformi mal-ligi.  Anke jekk stess jafu bih il-ligi imponiet regoli li ma gewx segwiti.  Jirreferi wkoll ghal ftehim verbali bejn il-partijiet.  U x’kienet taf il-qorti (u lanqas ma taf issa) dwar fix kien jikkonsisti l-ftehim verbali antecedenti.  L-interpretazzjoni li l-indikazzjoni tal-ammont hija sufficjenti ma hix valida fil-fehma tal-qorti ghax kieku ma kienx ikun hemm dik il-lokuzzjoni adoperata.

Ghal dawn il-motivi tordna r-revoka tal-mandat.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------